# IS-SENA GUZEPPINA

REBH TA’ INDULGENZI MATUL IS-SENA 2020 / 2021

Il-Penitenzerija Appostolika harget Degriet li bih taghti Indulgenzi Plenarji ghas-sena dedikata lil San Guzepp, ipproklamata mill-Papa Frangisk nhar it-Tlieta 8 ta’ Dicembru 2020. Din is-sena specjali bdiet mit-8 ta’ Dicembru 2020 u tintemm fit-8 ta’ Dicembru 2021 biex tikkommemora l-150 anniversarju mill-proklamazzjoni ta’ San Guzepp bhala l-Patrun tal-Knisja Universali kif ukoll is-Solennita’ ta’ Marija Mmakulata.



Din is-sena specjali mhux biss giet imwaqqfa biex ticcelebra dan l-anniversarju, izda wkoll biex tpoggi fil-qlub ta’ l-insara, l-harsien tal-knisja kollha lill-patroncinju ta’ dan il-Kustodju ta’ Gesu’.

Matul dan iz-zmien il-fidili ser ikollhom l-opportunita' li jikkommettu ruhhom bit-talb u ghemejjel tajba, biex jakkwistaw bl-intercessjoni ta' San Guzepp, il-Kap tal-Familja Mqaddsa ta' Nazaret, kull ghajnuna biex l-umanita' tirbah u tehles minn kull tigrib u tribulazzjoni socjali li jassedjaw lid-dinja fil-prezent.

Id-digriet iffirmat mill-Kardinal Mauro Piacenza u mir-Reggent Fr. Krzysztof Nykiel, jinnota li d-devozzjoni lejn San Guzepp kibret b'mod ta' l-ghageb matul l-istorja tal-knisja, liema " devozzjoni mhux biss turi reverenza gholja lejh wara dik ta' Omm Alla, l-gharusa tieghu, imma ghazlitu biex ikun protettur ta' diversi oqsma bhax-xoghol u haddiema, ibliet, Pellegrini etc

Fl-istess hin il-Magiserju tal-Knisja jkompli jiskopri " hwejjeg qodma u ohrajn godda f'dan it-tezor li huwa San Guzepp, bhas-sid fil-Vangelu ta' San Mattew li, mill-ħażna tiegħu, joħroġ sew il-ġdid u sew il-qadim."

Ghalhekk id-don ta' l-indulgenzi moghtija bis-sahha tad-digriet tal-Penitenzerija Appostolika bl-ordni tal-Papa " ser ikun ta' gid kbir biex wiehed jilhaq dan l-iskop."

KUNDIZZJONIJIET MEHTIEGA GHAR-REBH TA' L-INDULGENZA PLENARJA

L-indulgenza plenarja hija moghtija lill-fidili taht is-soltu kundizzjonijiet jigifieri li wiehed irid iqerr, jitqarben u jitlob skont il-fehema tal-Papa. L-insara li bi spirtu qaddis u mbieghed minn kwalunkwe dnub, jiehdu sehem fis-Sena Guzeppina jirbhu

indulgenza plenarja f'dawn l-okazzjonijiet u manjieri ndikati hawn taht  mill-Penitenzerija Appostolika:

@ Tintrebah indulgenza plenarja min jimmedita ghal inqas ghal 30 minuta fuq it-talba tal-Missierna jew jiehu sehem f'Irtir Spiritwali ta' mill-anqas jum li jinkludi meditazzjoni fuq San Guzepp." "San Guzepp il-bniedem awtentiku ta' fidi, jistedinna," jaqra d-digriet," biex niskopru mill-gdid ir-relazzjoni ta' ulied ma' Alla Missierna, li ngeddu il-fedelta' taghna fit-talb, nisimghu u nikkorrespondu billi naghrfu r-rieda ta' Alla."

@ L-indulgenza tista tinrebah ukoll minn dawk li jimxu fuq l-ezempju ta' San Guzepp, itemmu xi ghemejjel ta' hniena kemm tal-gisem jew tar-ruh. San Guzepp" jinkoraggina li niskopru l-valur tas-silenzju, prudenza u lealta' meta naqdu dmirijietna," jkompli jinnota d-digriet.

@ Ir-recita tat-talba tar-Ruzarju fil-familji u fost il-mizzewgin hija mod iehor kif wiehed jirbah l-indulgenzi, sabiex il-familji nsara jitqanqlu biex joholqu l-atmosfera ta' kommunjoni intima, imhabba u talb li kienet prezenti fil-Familja Mqaddsa."

@ Kull min iqieghed ix-xoghol tieghu ta' kuljum taht il-protezzjoni ta' San Guzepp u kull fidil li jinvoka l-intercessjoni tieghu sabiex dawk li qed ifittxu x-xoghol jkunu jistghu jsibu xoghol dinjituz, jistghu jiksbu wkoll indulgenzja plenarja. Kien l-1 ta' Mejju 1955 li l-Papa Piju XII waqqaf il-festa ta San Guzepp, " bl-intenzjoni li d-dinjita' tax-xoghol tkun maghrufa minn kulhadd u li dan jispira hajja u ligijiet socjali, bazat fuq it-tqassim gust tad-drittijiet u doveri."

@ Indulgenza plenarja hija moghtija lill-fidili li jirrecitaw il-Litanija ta’ San Guzepp jew xi talb iehor lil San Guzepp konformi ma’ tradizzjonijiet liturgici ohra ghall-bzonnijiet tal-Knisja persegwitata internament jew esternament u ghall-helsien ta’ dawk l-insara li ghaddejjin minn kull forma ta’ persekuzzjoni. Ghaliex id-digriet jinnota, “ li l-harba tas-Sagra Familja lejn l-Egittu turi li Alla qieghed hemm fejn il-bniedem jinsab fil-periklu, fejn il-bniedem ibati, fejn il-bniedem jesperjenza emarginazzjoni.”

Qaddis Universali

Barra minn dak li semmejna aktar ‘l fuq, l-Penitenzerija Appostolika thabbar indulgenza plenarja lil dawk il-fidili li jirrecitaw xi talb approvat jew ghemil ta’ hniena f’gieh San Guzepp, per ezempju : “Lilek O Mqaddes Guzeppi” specjalment fid-19 ta’ Marzu, l-1 ta’ Mejju, il-Festa tas-Sagra Familja jew il-Hadd ta’ San Guzepp (skont it-tradizzjoni Bizantina) kull 19 tax-xahar u kull nhar ta’ Erbgha, jum dedikat ghall-memorja tal-qaddis skont it-tradizzjoni Latina.” Id-digriet ifakkar li San Guzepp huwa patrun universali tal-Knisja, filwaqt li jinnota li Santa Tereza ta’ Avila gharfitu bhala “portettur ghac-cirkustanzi tal-hajja”. Il-Papa San Gwann Pawlu II qal ukoll li San Guzepp “ghandu relevanza ghall-knisja ta’ zmienna, relatata ghall-millenju gdid nisrani.”

Ghall-morda

Qalb il-krizi li ghaddejja bhal issa, Covid 19 , id-don ta’ l-indulgenza plenarja huwa estiz ghall-morda, anzjani u l-

agonizzanti u ghal dawk kollha li ghal ragunijiet validi ma jistghux ihallu djarhom.

Huma jistghu jirbhu l-indulgenzja plenarja jekk jghixu mbieghda mid-dnub u ghandhom l-intenzjoni li malli jistghu jharsu it-tlett kundizzjonijiet tas-soltu biex jintrebhu l-indulgenzi plenarji ( qrar, tqarbin u talb skont il-fehema tal-papa.), jirrecitaw xi talba jew ghemil ta' tjubija f'gieh San Guzepp u joffru lil Alla it-tbatijiet ta' hajjithom.

Fl-ahhar net il-Penitenzerija Appostolika tinkoraggixxi lis-sacerdoti li jiffaciltaw ic-celebrazzjoni tas-Sagrament tal-Qrar, u l-amministrazzjoni tat-Tqarbin lill-morda bi spirtu generuz.